## It-Tnejn, 21 ta' Diċembru 2020

Marija daħlet għand Żakkarija
u sellmet lil Elizabetta.
Malli Elizabetta semgħet
lil Marija ssellmilha,
it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha
u Elizabetta mtliet bl-Ispirtu
s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira
u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa,
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!
U minn fejn ġieni dan
li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?
Għax ara, malli smajt f'widnejja
leħen it-tislima tiegħek,
it-tarbija li għandi fil-ġuf
qabżet bil-ferħ.
Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ
kulma bagħat jgħidilha l-Mulej."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 1, versi 40-45***

# 23

"Il-Vanġelu jagħtina fatt:
il-laqgħa bejn Marija u Elizabetta.
Dawn iż-żewġ nisa jiltaqgħu,
u jiltaqgħu bil-ferħ ...
jitgħannqu u jbusu lil xulxin,
laqgħa mmarkata minn festa.
Li tmur tiltaqa' hu sinjal ieħor
tan-nisrani. Xi ħadd li jgħid
li hu nisrani u mhux kapaċi
jmur jiltaqa' mal-oħrajn
mhux nisrani sħiħ.
Li sservi u li tmur tiltaqa'
jitolbuna noħorġu minna nfusna:
noħorġu biex naqdu
u biex inħaddnu l-persuni l-oħra."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 31 Mejju 2016

*X'tip ta' preżenza noffri jien lil ħaddieħor?*

*Min jiltaqa' miegħi jħossu aħjar?*

# Li tiltaqa'

Kemm qed nimmissjaw, Mulej,
li nistgħu niltaqgħu iktar ma' xulxin,
iżjed u iżjed f'dan iż-żmien tal-Milied!
Is-soltu jkollna ħafna okkażjonijiet:
laqgħat soċjali, *parties*, u elf ħaġ'oħra.
M'hemm xejn ħażin f'dan.
Imma n-nuqqas ta' dan kollu
m'għandux inissel fina ħeġġa
biex xorta waħda noffru lil xulxin preżenza sabiħa?
Preżenza fejn l-oħrajn iħossuhom stmati tassew?
Preżenza mingħajr ebda rtokk?
Preżenza li ġġib il-ferħ
fil-qalb ta' min b'xi mod niltaqgħu miegħu?
Preżenza li toħloq festa fih,
dik l-istess festa li mmarkat
lil Marija u lil Eliżabetta meta ltaqgħu?